

Brussell, 27 ta' Frar 2026  
(OR. en)

6849/26  
ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0059 (COD)

---

---

COPEN 65  
DROIPEN 40  
COARM 28  
ENFOPOL 74  
JAI 261  
CODEC 343

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 102 annex
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar u reati oħrajn relatati mal-armi tan-nar u li temenda d-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 102 annex.

---

Mehmuż: COM(2026) 102 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.2.2026  
COM(2026) 102 final

ANNEX

**ANNEX**

**ta'**

**Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar u reati oħrajn relatati mal-armi tan-nar u li temenda d-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

{SEC(2026) 102 final} - {SWD(2026) 102 final} - {SWD(2026) 103 final}

## Anness

### Sett minimu ta' data għar-reġistrazzjoni tal-armi tan-nar sekwestrati

1. Tip  
Il-klassifikazzjoni ta' arma abbażi tal-aktar differenzi funzjonali jew mekkaniċi sinifikanti tagħha.
2. Għamla  
L-isem tal-manifattur, jew l-isem kummerċjali liċenzjat li taħtu l-arma tiġi kummerċjalizzata, li jidher bħala parti mill-immarkar uniku tal-arma fil-manifattura jew fl-importazzjoni. Fejn l-arma jkollha kemm isem ta' manifattur korporattiv kif ukoll marka/isem kummerċjali differenti, l-għamla hija l-isem primarju tal-manifattur/marka fuq il-komponenti essenzjali.
3. Mudell  
Disinn speċifiku ta' arma jew varjant ta' arma, magħżul permezz ta' kombinament uniku ta' tip, għamla u karatteristiċi prinċipali li jagħmluha identika fl-istess għamla.
4. Kalibru  
Id-deżinjazzjoni nominali u rikonoxxuta kummerċjalment għal skartoċċ speċifiku u d-dimensjonijiet interni korrispondenti tal-kanna tiegħu, kif standardizzati formalment mill-Commission Internationale Permanente pour l'Epreuve des Armes à Feu Portatives (C.I.P.) jew minn korpi nazzjonali rikonoxxuti ekwivalenti.
5. Numru tas-serje  
Numru ta' karattri, li jistgħu jinkludu numri u ittri, imnaqqxin fiżikament f'komponenti essenzjali differenti ta' arma biex jirreġistraw b'mod ċar u mhux ambigwu dak l-oġġett partikolari u li jservu biex tiġi traċċata l-arma mill-manifattura sal-aħħar sid legali.
6. Kuntest kriminali  
Ġustifikazzjoni legali tas-sekwestru ta' arma jew komponent essenzjali relatat ma' reat kriminali.
7. Data  
Id-data tas-sekwestru tal-arma jew tal-komponent essenzjali.
8. Kuntest ġeografiku  
Il-post tas-sekwestru tal-arma jew tal-komponent essenzjali.
9. Informazzjoni dwar it-traċċabbiltà tal-arma (b'referenza unika għall-ID tal-arma)  
Informazzjoni relatata mat-traċċar tal-armi u, fejn possibbli, tal-komponenti essenzjali tagħhom mill-manifattur sax-xerrej. Ir-referenza unika għall-identifikazzjoni tal-armi għandha tkun in-numru ta' karattri attribwiti b'mod ċar u mhux ambigwu lil kwalunkwe arma jew komponent essenzjali fil-mument tar-reġistrazzjoni tagħhom fi kwalunkwe bażi tad-data u għandha tinżamm l-istess sal-querda tal-arma jew tal-komponent essenzjali.
10. Stampa